NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi
IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278

**Nru. 424** **April 2012**

### Emerġenza edukattiva

Iż-żgħażagħ tagħna qed jistaqsu lill-adulti x'sens fiha l-ħajja. Imma hemm ir-riskju li, kif jikteb George Bernanos, aħna l-adulti, minflok ma nagħtuhom it-tweġiba t-tajba, nibagħtuhom imutu fit-trunċiera tal-gwerra. F'ċertu sens il-kultura ta' żminijietna, battala mill-valuri, hija waħda minn dawn it-trunċieri!

Fi kliem il-ħassieb Spanjol Ortega y Gasset, il-ġenerazzjonijiet il-ġodda huma "barbari vertikali" għaliex il-bniedem jitwieled sajjem minn dak kollu li jagħmel iċ-ċiviltà li tilqgħu fi ħdanha, u sakemm ma jkunx mgħallem x'inhi s-sewwa u x'inhu t-tajjeb hu jfittex biss li jissodisfa x-xewqat, il-ħtiġijiet u l-impulsi tiegħu. U billi s-soċjetà qed tirrassenja ruħha li l-uniku kriterju formattiv li għandha tuża huwa li tħalli lil kulħadd jagħmel fattih, allura l-bniedem jikber u jibqa' jemmen li għandu libertà assoluta. Għaldaqstant huwa jsir konvint li s-socjetà għandha tirrikonoxxi anke dak li huwa pervers, bħalma huma l-"*after birth abortion*" u ż-żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess. Il-ħajja umana jixirqilha kull rispett sa mill-bidu tat-tnissil. L-istess rispett huwa dovut lejn kull persuna, ikun x'ikun il-kulur, it-twemmin u l-orjentament sesswali tagħha.

F'dan il-kuntest tinħass dik li l-Papa Benedittu XVI isejjaħ "l-emerġenza edukattiva" biex nittrażmettu dawk il-valuri komuni ħalli hekk ikollna soċjetà li sserraħ fuq pedament sod u oġġettiv. Ħafna drabi l-edukazzjoni li noffru hija parzjali għax issir insistenza fuq l-edukazzjoni akkademika u dan in vista tal-professjoni. Imma ebda professjoni ma tista' tikkontribwixxi għall-ġid komuni jekk ma tkunx imsieħba minn edukazzjoni umana, spiritwali u intelletwali, fis-sens li l-bniedem jikseb ħila li jiżen, jikkritika u jiddeċiedi. L-esperjenza tikkonferma li l-edukazzjoni xjentifika waħidha ġieli sfat ta' deni. Każ tipiku huma meta nħallu f'idejn ix-xjenza biex tipproduċi l-ħajja umana. Mhux dak kollu li huwa xjentifikament possibbli huwa etikament tajjeb.

Il-familja hija l-agenzija edukattiva primarja li ħadd ma jista' jeħdilha postha. Imma dan il-kontribut qed jiddgħajjef billi l-identità istituzzjonali tal-familja tinsab fi krizi, peress li llum fis-suq hawn fehmiet differenti dwar x'nifhmu b'familja!

L-edukaturi veri huma dawk li jgħallmu dak li huwa sewwa u dak li huwa tajjeb. Imma llum l-għadd ta' dawn l-edukaturi jaf jonqos għaliex ir-relativiżmu jdakkar lil ħafna.

Dan kollu jqegħidna quddiem l-emerġenza edukattiva li għandha tkun proġett li jħaddan fih lil dawk kollha ta' rieda tajba li, mbuttati mid-dmir li joffru tweġibiet lil dawk li qed ifittxu x'sens fiha l-ħajja, ma jibagħtuhomx "fit-trunċiera tal-qerda" imma jedukawhom fis-sewwa biex hekk ikunu tassew bnedmin ħielsa. (*Sintesi tal-omelija ta' Mons Isqof Mario Grech. Festa ta' San Girgor, Kerċem, 11 ta' Marzu 2012.)*

---

## ID-49 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA tal-ISEM IMQADDES TA' ALLA

IL-ĦADD 22 ta' APRIL 2012 fil-Parroċċa Ta' Kerċem

**SUĠĠETT: "IL-FIDI TIĠI MIS-SMIGĦ,U S-SMIGĦ MIX-XANDIR TAL-KELMA TA' KRISTU ". (Rum10,17)**

KORTEO fil-5.00p.m. minn PJAZZA SALVATORE BUSUTTIL. **Kulħadd huwa mistieden**.

==========================================

## SANTA GIANNA BERETTA MOLLA

**4 TA' OTTUBRU 1922 – 28 TA'APRIL 1962**

L-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex ser torganizza funzjoni reliġjuża fil-Knisja Parrokkjali u Bażilka tan-Nadur f'ġieħ din il-Qaddisa ta' żminijietna bħala Omm, Tabiba, Katekista u diriġenta tal-Azzjoni Kattolika Taljana li tat ħajjitha biex issalva t-tarbija tagħha. Il-Programm huwa hekk : **Quddiesa kkonċelebrata ppreseduta mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex fil-Parroċċa tan-Nadur fis-6.15p.m. nhar is-Sibt 28 ta' April 2012.** Wara diskors mill-President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika s-Sur Antoine Vassallo, Mons Isqof ser ibierek is-Sala t'isfel fid-Dar tat-Tagħlim San Pietru u San Pawl, Triq 13 ta' Diċembru, li ser tingħata l-isem ta' din il-Qaddisa. **Kulħadd huwa mistieden. Il-Membri kollha tal-A. K. mitluba jieħdu sehem**.

**N.B. 'il quddiem hemm il-ħsieb li jsiru xi attivitajiet fil-parroċċi l-oħra dwar din il-Qaddisa**.

# Kalendarju Pastorali
# April 2012 – Numru 424

| | |
|---|---|
| 1.Ħadd | **Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej / Jum Dinji taż-Żgħażagħ.** |
| 3.Tlieta | **Jum is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.** |
| 4.Erbgħa | Is-17-il dehra tal-B.Verġni Marija ġewwa Lourdes. |
| 5.Ħamis | **Ħamis ix-Xirka.** Fil-Katidral issir il-**Quddiesa tal-Griżma** li fiha jitbierku ż-Żjut Imqaddsa u s-saċerdoti jġeddu l-Wegħdiet Saċerdotali tagħhom (9.00am).<br>Filgħaxija fil-knejjes issir it-**Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej**. Issir **Ġabra għad-Djoċesi.** |
| 6.Ġimgħa | **Il-Ġimgħa l-Kbira** (obbligu tas-Sawm u l-Astinenza).**Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej**. |
| 7.Sibt | **Is-Sibt Qaddis tal-Għid**. Issir is-Sahra tal-Għid. Bil-lejl issir il-**Velja tal-Għid** / Jum Dinji tas-Saħħa (NU) / Is-Siegħa tal-Omm: Ċelebrazzjoni Marjana fis-Santwarju Ta' Pinu (9.00am).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Nadur - 10.30pm) |
| 8.Ħadd | **Il-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet.**<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria - 5.30pm). |
| 9-14 | ***Ottava tal-Għid. Jibda it-Tberik tal-Familji.*** |
| 10.Tlieta | Skola ta' Formazzjoni tal-Familja (KDF -Ċentru ta' Kana - 5.30pm). |
| 12.Ħamis | Laqgħa "Grupp Ta' Talb Dun Mikiel Attard": Quddiesa fis-6.30pm; mis-7.00 sat-8.00pm adorazzjoni Ewkaristika. |
| 14.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Knisja Ta' Ħamet - 8.30pm).<br>Ċenaklu tal-Azzjoni Kattolika (Dar Ċentrali tal-A.K. - 4.45pm). |
| **15.Ħadd** | **It-Tieni Ħadd tal-Għid jew Il-Ħadd tal-Ħniena Divina. /** Quddiesa ta' Radd il-Ħajr ad fl-okkażjoni ta' Jum il-Papa mmexxija min-Nunzju Mons Tommaso Caputo (Ta' Pinu - 5.00pm).<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria - 5.30pm) |
| 18.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani / Laqgħa KKSK (Seminarju) . |
| 19.Ħamis | Is-Seba' Anniversarju mill-ħatra tal-Papa Benedittu XVI. Isir Talb speċjali għall-Papa.Laqgħa għall-persuni separati (KDF - Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 8.00pm). |
| 21.Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni kkonsagrati (Parroċċa Fontana - 7.00pm) / Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tas-60 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Mons Ġużeppi Mercieca, Isqof Emeritus ta' Malta (Katidral - 6.00pm) / Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Parroċċa ta' Kercem - 8.30pm). |
| 22.Ħadd | It-Tielet Ħadd tal-Għid / Obolo ta' San Pietru (Ġabra Pontifiċja fil-knejjes kollha).<br>I**d-49 Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla (Parroċċa Kercem).**<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria - 5.30pm) |
| 23.Tnejn | San Ġorġ, Martri. Patrun tal-Belt Vittorja u Protettur tal-Għawdxin. Festa fil-Belt Victoria u tifkira (O) fid-Djoċesi / AKSK (Kons.Prim.). |
| 24.Tlieta | Is-seba' anniversarju tal-Bidu tal-Pontifikat tal-Papa Benedittu XVI.<br>Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tal-Università - 7.15pm). |
| 25 Erbgħa. | San Mark, Evanġelista. Festa / Każ Morali (Seminarju - 4pm). |
| 26.Ħamis | Wirja-Attività Teatrali (Skejjel tal-Knisja).<br>Laqgħa għall-persuni separati ( KDF - Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 8.00pm). |
| 27.Ġimgħa | Wirja-Attività Teatrali (Skejjel tal-Knisj**a)./**Laqgħa għall-persuni f'relazzjoni barra ż-żwieġ (KDF - Manresa - 8.00pm). |
| 28.Sibt | Celebrazzjoni f'ġieħ Santa Ġianna Beretta Molla (Quddiesa fil-Parroċċa tan-Nadur mill-E.T. Mons Mario Grech fis-6.15pm) / Wirja-Attività Teatrali (Skejjel tal-Knisja).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb - 8.30pm). |
| 29.Ħadd | Ir-Raba' Ħadd tal-Għid / Id-49 Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet.<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria - 5.30pm). |
| 30. Tnejn. | San Piju V, Papa. Tifkira (O). Benefattur ta' Malta.<br>Kunsill Pastorali Djoċesan (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb - 8.00pm). |